

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.9.2009
KUMM(2009) 486 finali

2006/0258 (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (c) tat-Trattat tal-KE
dwar l-emenda tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna statistika
dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, li temenda l-proposta tal-Kummissjoni
f'konformita mal-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE**

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (c) tat-Trattat tal-KE
dwar l-emenda tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna statistika
dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, li temenda l-proposta tal-Kummissjoni
f'konformita mal-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE**

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (c) tat-Trattat tal-KE jipprovdi lill-Kummissjoni li tagħti opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tistipula l-opinjoni tagħha dwar l-emenda proposta mill-Parlament f'dan li ġej.

2. KUNTEST

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill 11 ta' Diċembru 2006
(id-dokument COM(2006) 778 finali – 2006/0258 (COD):

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 11 ta' Lulju 2007

Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 12 ta' Marzu 2008

Id-data tal-adozzjoni, bl-unanimità, tal-pożizzjoni komuni 20 ta' Novembru 2008
(b'unanimità):

Id-data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, it-tieni qari: 24 ta' April 2009

3. L-GĦAN TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament propost joħloq qafas legali u jistabbilixxi regoli armonizzati għall-ġbir u t-tixrid ta' statistiċi dwar il-bejgħ u l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti. B'mod partikulari, jistabbilixxi regoli għal:

- frekwenza tal-ġbir tad-dejta (annwalment għall-bejgħ – kull ħames snin għall-użu);
- metodi tal-ġbir tad-dejta, bi flessibilità konsiderevoli mogħtija lill-Istati Membri;
- il-format u l-perjodiċità tal-obbligazzjonijiet ta' rappurtaġġ, li jistgħu jkunu speċifikati fid-dettall mill-Kummissjoni bl-użu tal-proċedura ta' komitoloġija.

Dan ir-Regolament li jikkonċerna statistiċi dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti huwa parti minn pakkett leġislattiv li jinkludi l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jitwaqqaf qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinstab użu sostenibbli tal-pestiċidi (COM(2006) 373 finali) u l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2006) 388 finali), li dwarha ntlaħaq ftehim bejn il-ko-leġislaturi f'Jannar 2009 (Kunsill AGRI).

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Kummissjoni tilqa' l-emenda 41.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tilqa' l-istedina mwassla lill-Kunsill mill-Presidenti tal-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew biex tikkonferma mill-ġdid il-kompromess kollu kif innegozjat matul it-tieni stadju ta' qari bejn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill

5. KONKLUŻJONI

Skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE, il-Kummissjoni temenda l-proposta tagħha kif stipulat hawn fuq.